MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Talba Numru. 243/2008

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Pawlu Falzon u skond il-verbal tal-25 ta' April 2008 giet kjamata in kawza is-socjeta' Tlata LTd.**

**It-Tribunal,**

**Ra** li fl-AVVIZ il-Korporazzjoni attrici qed **titlob** li l-konvenut jigi kundannat ihallasha *quantum* ta' danni fl-ammont ta' elf, tlett mija disgha u tlettin Ewro u disghin centezmi (€1,339.90c) minnu lilha kagunati fuq arblu tad-dawl tal-Korporazzjoni, fit-12 ta' Lulju 2006 f'Wilga f'Hofriet ir-Ritz limiti Rabat. Bl-imghax dekorribbli mis-7 ta' Awwissu 2006. Bl-ispejjes u bil-konvenut ikun ingunt ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA mfassla kif gej:-

Fl-ewwel lok il-konvneut mhux il-legittmu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju.

Il-konvenut ma kkaguna ebda hsara fuq propjeta' tal-Korporazzjoni.

Id-danni reklamati huma esagerati.

**Ra** li fuq talba tal-Korporazzjoni, b'degriet tal-25 ta' April 2008 It-TRIBUNAL awtorizza li tissejjah fil-kawza s-socjeta' Tlata Limited.

**Ra** li s-socjeta' msejjha fil-kawza (bi zvista fir-Risposta taghha sejjhet lilha nnifisha "konvenut") ressqet RISPOSTA hekk:-

Tichad l-allegazzjonijiet tal-Korporazzjoni billi s-socjeta' Tlata Ltd mhiex responsabbli ghad-danni msemmija. Ghalhekk ghandha tigi liberata, bl-ispejjes.

**PROVI**

1. L-Enemalta ressqet lil **Ex PS 156 Francis Abela** li esibixxa r-Rapport, District 7, Div Q, nru 7/Q/1468/2006 (Dok FA1 *a fol* 23) u x-xhud qal li ma kellux xejn xi jzid mieghu.

In kontro-ezami qal li hu kien mar fuq il-post, wara rapport minn David Bonanno tal-Enemalta, u sab gharblu mghawweg. Hemm sab zewg ingenji li kienu tal-konvenut. Izda hu ma ra lil hadd. Bonanno kien qallu li kienu rrapportawlhom li fil-vicinanzi kien hemm postijiet bla dawl u meta spezzjonaw sabu l-arblu mimsus. Meta kellem lill-konvenut dan qallu li dak in-nhar ma kellux xoghol hemmhekk ghax iz-zewg haddiema fuq dak il-lant kienu frank.

2. Fid-Dok FA1 hemm dettaljat li fejn l-arblu l-haddiema tal-Enemalta kienu raw li madwar l-arblu kienu saru xi xoghlijiet ta' qtugh ta' blat u kien hemm borg kbir ta' radam. Kien hemm zewg ingenji kbar li kienu ntuzaw ghat-tindif tar-radam. Kienu zewg gafef kbar ta' lewn

isfar. Il-haddiema tal-Enemalta ma kienu sabu lil had fuq ix-xoghol u l-gafef kienu weqfin. Il-kuntrattur li kellu l-ingenji fuq il-post irrizultalhom li kien il-konvenut, sid il-kumpanija Tlata Ltd.

3. Ma PS 156 il-konvenut cahad li kienu n-nies tieghu li ghamlu l-hsara fl-arblu. Qal li l-gafef huma zghar wisq biex l-arblu jigi mghawweg ‘l isfel. Qal li l-arblu aktarx gie migbud ‘l isfel mill-linji tal-“high tension” li huma marbuta mieghu. Wera li l-arblu huma mimlija sadid u l-arblu in kwistjoni kellu l-bazi tieghu mherrija bis-sadid. “Il-konvenut (Enemalta) qal li l-istima tal-hsara hi ta’ madwar LM400.”

4. **David Bonanno** ghall-Korporazzjoni xehed li, wara r-Rapport li ssemma, hu mar fuq il-post u sab arblu tal-“high tension” mghawweg u perikoluz hafna. Ra l-makkinarji li ssemmew u ra l-iskavar li kien sar. Mal-arblu kien hemm speci ta’ daqqa. Ikkuntattja lill-konvenut li kien jaf li kien is-sid tal-ingenji. Dan cahad li xi haddiema tieghu kienu hemmhekk dak in-nhar u li laqtu l-arblu. Kien, sussegwentement, l-istess konvenut Paul Falzon li “fethilna l-art biex inkunu nistghu nbiddlu l-arblu kif fil-fatt ghamilna”.

## KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL jibda biex jinnota li l-faqar fir-rigward tat-tressieq tal-provi hu, f’din il-kawza, impressjonanti. Minn naha ghandna lill-konvenut u lill-imsejjha fil-kawza s-socjeta’ tieghu Tlata Ltd li baqghu ma ressqu ebda prova. Da parti tal-Korporazzjoni attrici hemm biss ix-xhieda tal-ufficjal taghha David Bonanno li qal fis-sustanza hekk:-

i) Sar rapport li fl-inhawi tal-Hofra tar-Ritz kien hemm nuqqas tal-provvista tad-dawl u meta marru jivverifikaw sabu arblu mghawweg minn isfel.

ii) Fil-qrib kien hemm xoghol ta’ skavar u munzell ta’ gebel.

iii) Ma sabu ebda haddiema fuq il-post. L-ingenji kienu tal-konvenut Paul Falzon li cahad li l-hsarat saret mill-ingenji tieghu u zied li meta sar ir-rapport ma kellux haddiema jahdmu. Hu kkopera mal-Enemalta billi haffer kif mehtieg billi fethilhom l-art biex jinbidel l-arblu.
iv) Da parti tal-Enemalta tressaq l-ufficjal David Bonanno li xehed dak li ssemma fit-tliet punti *supra*.
v) Da parti tal-Enemalta tressaq ukoll l-Ex PS 156 Francis Abela li esibixxa l-okkorrenza relativa b'*incident status: unsolved* u ma fiha xejn izjed minn dak imsemmi hawnhekk hlief xi riferenzi *dictum de dicto*. Jinghad ukoll li l-hsara kienet ta' madwar LM400.
vi) Fl-okkorrenza hemm indikat ukoll li fuq il-post Pawlu Falzon gibdilhom l-attenzjoni li l-arbli huma mimlija sadid u "specjalment" l-arblu in kwistjoni kellu l-bazi tieghu mherrija bis-sadid.

Veru li t-TRIBUNAL hu statutorjament obligat li jkun gwidat minn principji ta' ekwita' izda dan ma jezentax lill-attur, f'kull kaz, u hawn lill-Enemalta, milli tressaq provi konvincenti (skond id-dritt probatorju *in civilbus*) in sostenn tal-pretensjoni taghha.

Fil-fehma tat-TRIBUNAL l-Enemalta ma qdietx dan il-kompitu. Mhux ta' min jieqaf hawn u ma josservax li:-

i) l-Enemalta ma hassitx id-dmir li tghid taghha dwar is-sadid imsemmi fl-Okkorrenza u li Pawlu Falzon wera lill-Ex PS 156 Francis Abela.

ii) fl-okkorrenza tissemma hsara ta' madwar LM400 bla ma nafu min qal dan u bla ma tressqet fil-kawza, mill-Enemalta ebda stima dettaljata tal-*quantum* tad-danni, f'liema eventwalita kienet trid tkun konfermata bil-gurament.

iii) il-fatt li Paul Falzon u s-socjeta' tieghu, ressqu biss RISPOSTA fejn cahdu li huma kellhom ihallsu xi haga in linea ta' danni ma jezonerax lill-Enemalta mid-dmir li tkun **hi** li tressaq il-provi in sostenn tal-pretensjoni taghha.

**DECIZJONI**

Meta jqis dan kollu it-TRIBUNAL, minghajr ezitazzjoni ta' xejn, **jichad** it-talbiet attrici billi dawn ma gewx pruvati; bl-ispejjes tal-kawza kontra l-Korporazzjoni Enemalta

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------